MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 45/2006/1

**Euro Finance Corporation Limited (C-1914)**

**v.**

**Il-Kummissarju ta' l-Artijiet u**
**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell dwar allegat ksur tad-dritt fondamentali ghall-godiment tal-proprjeta`. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza, u konsegwentement ghal dana l-appell, jinsabu

riprodotti fis-sentenza appellata u ghalhekk, u ghall-ahjar intendiment ta' dana l-istess appell, din is-sentenza ser tigi hawn riprodotta fl-intier taghha.

**2.** Is-sentenza appellata tghid hekk:

"Rat l-**att tar-rikors** li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti ssottomettiet illi:

""Illi b'ittra ufficjali u b'dikjarazzjoni sussegwenti tal-Gvernatur Generali ta' Malta gie ddikjarat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-tmintax (18) ta' Ottubru 1974 (Nru. 7201) *(File no. Land* 372/74/Vol 1) illi disa' bicciet art fil-Marsa li minnhom proprjeta` numru erbgha (4) u numru hamsa (5) li kienu gew mixtrija mis-socjeta` rikorrenti minghand Joseph Falzon u ohrajn, f'isem il-kumpanija *NATIONAL FINANCE CORPORATION OF MALTA LIMITED* kienu mehtiega ghal skopijiet pubblici;

"Illi dina l-art iggib il-kejl superficjali ta' tnax-il tomna erba' sighan u sitta punt decimali seba' kejliet (12 T.4S.6.7K) (pari cirka erbatax il-elf tlett mija u tlieta u sittin punt decimali tmienja disgha metri kwadri). Dina l-art kienet tifforma parti minn bicca art ohra li s-socjeta` rikorrenti kienet akkwistat minghand Joseph Falzon. Dan sar permezz ta' kuntratt tat-tmienja (8) ta' Ottubru tas-sena elf disgha mija tnejn u sittin (1962) ippubblikat fl-atti tan-Nutar Pubbliku F. X. Dingli.

"Illi permezz ta' kuntratt iehor datat dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija sitta u sebghin (1976) ippubblikat minn Dottor Alexander Grech Nutar Pubbliku fl-Ufficcju ta' l-art, din l-art li kienet formanti parti mill-art imsejha 'Tal-Kunzerija' sive 'Tal-Izolott', u li tmiss mit-Tramuntana, minn Nofsinhar, mill-Punent u mill-Majjistral ma' proprjeta` tal-Gvern, libera u franka kif murija fuq pjanta annessa ma' l-istess att *(sic !)*. Gie ddikjarat illi l-art fuq imsemmija kienet mehtiega ghal skopijiet pubblici u li l-akkwist taghha kellu jsir b'xiri assolut a favur tal-Gvern ta' Malta skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-

Akkwist ta' l-artijiet ghal-skopijiet pubblici (Kapitolu 136[1] tal-Ligijiet ta' Malta). Jigi premess illi bis-sahha ta' l-ahhar kuntratt imsemmi aktar 'il fuq, din l-imsemmija proprjeta` giet trasferita a favur il-Gvern ta' Malta.

"Illi permezz ta' kuntratt iehor datat 9 ta' Settembru 2003 quddiem in-Nutar Pubbliku Dottor Vincent Miceli Nutar Pubbliku fid-Dipartiment ta' l-Artijiet is-socjeta` rikorrenti xtrat lura minghand il-Gvern bicca art tal-kejl ta' sitt mija erbgha u tletin metru (634 m.k) li tmiss mill-Grigal ma' proprjeta` ta' George Pace mill-Lbic ma' *Malta Ship Building Company Limited* u mill-Majjistral ma' Triq jew irjieh verjuri jew l-aventi kawza taghhom *(sic !)*.

"Illi peress [li] l-Gvern ma utilizzax l-art kollha, l-istess socjeta` rikorrenti ressqet talba sabiex tiehu lura l-bicca art li ma gietx utilizzata min-naha ta' l-istess Gvern. Dan il-bejgh sar skond il-'*policy'* tal-Gvern fejn art li giet akkwistata (mixtrija) mill-Gvern u m'ghadhix mehtiega ghal skop pubbliku tista' tigi rilaxxjata lura lis-sidien originali kontra l-prezz u kwalunkwe somma ohra. Din l-art giet mixtrija minn *NATIONAL FINANCE CORPORATION OF MALTA LIMITED.*

"Illi permezz ta' kuntratt iehor l-intimat Kummissarju ta' l-Artijiet ghadda b'titolu ta' cens ghal mija u hamsin sena lill-*Malta Ship Building Company Limited* erba' bicciet art li flimkien jammontaw ghal cirka mija u tmenin elf tmien mija u sittin metru kwadru (180,860 metri kwadri) b'cens ta' disghin centezmu, sitt millezmi fis-sena flimkiem mal-'*premium'* ta' miljun mija u tmenin elf tmien mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1,183,826.20). Din is-somma kienet thallset lill-Gvern fit-tmienja ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u wiehed u tmenin (8/5/1981). Fit-tieni parti ta' dan il-kuntratt l-istess intimat Kummissarju ta' l-Artijiet wieghed u pprometta li jaghti b'titolu ta' cens temporanju seba' bicciet art li jinsabu fil-limiti tal-Marsa lill-*Malta Ship Building* li flimkien jammontaw ghal cirka tmintax-il elf u seba' mitt metru kwadru (18,700m sq.) b'cens annwali ta' ftit centezmi u l-'*premiums'* totali ta'

[1] Illum Kap. 88 – nota tal-Qorti Kostituzzjonali.

cirka mija u tnax il-elf tlett mija u dsatax il-lira u sitta u ghoxrin centezmu (Lm112,319.26).

“Illi s-socjeta` rikorrenti tirrileva illi billi llum il-gurnata l-kumpanija tal-Gvern li kienet topera l-*Malta Shipbuilding Yard* giet xolta permezz ta’ legislazzjoni apposita u cioe` il-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta’ Malta u giet ifformata permezz ta’ l-istess Att intrapriza kummercjali bhala ‘*transferee company’* ai termini ta’ l-istess Att m’hemm l-ebda skop pubbliku ai termini tal-ligi halli l-intimat Kummissarju ta’ l-Artijiet jibqa’ jiddetjeni l-istess art.

“Illi l-lanjanza tas-socjeta` rikorrenti hija wahda u hija hekk kif hawn taht spjegat:-

“Illi tali esproprjazzjoni hawn fuq spjegata tilledi d-drittijiet fundamentali tas-socjeta’ rikorrenti ai termini ta’ l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, kif ukoll tad-drittijiet protetti mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 ghall-istess Konvenzjoni, liema konvenzjoni u Protokoll jifformaw parti mill-Ligijiet ta’ Malta abbazi tal-Att XIV tal-1987, u dan ghaliex giet esproprijata mhux ghal skop pubbiku izda ghal skop kummercjali u dana hekk kif se jirnexxilha tipprova l-istess socjeta` rikorrenti waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza. Il-*Malta Shipbuilding* ma tistax jitqies skop pubbliku izda intrapriza kummercjali.

“Issir referenza f’dan il-kuntest ghall-proceduri fl-ismijiet *Dr. Carmelo Vella et vs Is-Segretarju tad-Djar et* (deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-30 ta’ Dicembru 1993 u s-sentenza ta’ ritrattazzjoni moghtija mill-istess Qorti fil-31 ta’ Mejju 2005). F’din is-sentenza d-definizzjoni bejn interess privat u interess pubbliku gie ben definit hekk!

*“Il-pubbliku interess li f’ismu jittiehdu dawn id-decizjonijiet u jsiru dawn l-atti, mill-awtorita` pubbliku – emozzjoni tar-‘’res publica’’ – l-universalita` tar-‘’res’’ li fiha jingabar il-gid komuni tac-cittadini kollha, u ghal liema gid komuni huma diretti l-ligijiet, -- qatt ma jista’ jkun riferit ghal kwalsiasi interess privat. L-interess huwa dejjem privat meta m’ghandux applikazzjoni ghal generalita` tac-cittadini, ta’*

*l-universalita` tal-pubbliku fl-Istat. Ir-ragunament fis-sentenza Galea vs. Holland huma fallaci ghaliex l-uzu ta' fond ghall-skopijiet kulturali, jista' jkun maghmul fl-interess pubbliku jekk l-attivita` kulturali tkun maghmulha minn awtorita` pubblika u mhux meta tkun maghmulha minn persuna jew assocjazzjoni privata, billi l-uzu, fl-ewwel lok, huwa fl-interess ta' dik il-persuna jew assocjazzjoni. Il-possibbilita` ta' access tal-pubbliku ghal dik l-attivita` ma tittrasformahiex b'daqshekk minn attivita` li hija intrinsikament privata f'attivita` intrinsikament pubblika. U difatti dik l-accessibbilita` tista' tigi ristretta u limitata kif jidhirlu l-interess privat.*

"F'din is-sentenza insibu wkoll is-segwenti:

*"Hekk per ezempju, l-interess pubbliku, minn natura tieghu stess, ma jistax ikun interess li legittimament u regjonevolment jista' jigi kontrastat minn xi parti mill-generalita` tal-pubbliku; mentri l-interess privat jista' jkun regjonevolment u legittimament kontestat minn interess privat iehor. Dan il-kriterju jidher li huwa bizzejjed biex iservi bhala kontroll biex tigi identifikata l-kwalita` ta' interess li jkun in kwistjoni.*

"Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, senjatament l-Artiklu Numru Wiehed (1) ta' l-Ewwel Protokoll ihares il-jedd ta' l-individwu ghat-tgawdija tal-beni tieghu:

"”Artikolu 1

*"Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd m'ghandu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet ipprovduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi nternazzjonali;*

*"Izda d-dispozizzjonijiet ta' qabel m'ghandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta` skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni."*

"Illi s-socjeta` rikorrenti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet *Pawlu Cachia vs Avukat Generali et* (9/4/99 Rik. Nru. 586/97VDG) dwar dan l-Artikolu li fil-fatt enuncja tlett principji bazilari illi japplikaw ghal kaz odjern u jistghu jigu applikati jew '*in combination'* jew inkella separatament. Din is-sentenza ghamlet riferenza ghall-kaz *Sporrong and Lonroth v. Sweden* li jghid [recte: tghid] hekk kif gej:

*"….. this provision comprises three distinct rules. The first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature which enunciates the principle of peaceful enjoyment of property; the second rule, contained in the second sentence of the same paragraph, covers deprivations of possession and makes it subject to certain conditions; and the third rule, stated in the second paragraph, recognizes that contracting parties are entitled, amongst other things, to control the use of property in accordance with the general interest. The three rules are not 'distinct' in the sense of being unconnected: the second and third rules are concerned with particular instances of interferences with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rules….."* (A 52 para. 61).

"Ghalhekk dan l-Artikolu jistabilixxi certa kundizzjonijiet li jridu jigu soddisfatti b'mod kumulattiv halli d-deprivazzjoni ta' dritt ghall-proprjeta` privata jkun wiehed gustifikat.

"Dawn bazikament huma tlett kundizzjonijiet:

*"1 The measure providing for the deprivation must be in accordance with the conditions provided by national law.*

*2. The general principles of international law must be respected.*

*3. The deprivation must be in the public interest, and this will require a balancing of the public interest against*

*individual rights.”* (Ara *Jacobs & White – European Convention on Human Rights – 3rd Edition – Clare, Ovey & Robin* – pag. 311 et seq dwar Il-Klassifikazzjoni ta’ dawn it-tlett rekwiziti).

“Il-punt li qieghedha tikkontesta s-socjeta` rikorrenti bil-qawwa kollha taghha jirrigwarda appuntu t-tielet rekwizit fejn fl-oppinjoni umli taghha fil-kaz in disamina dan ma giex issodisfatt u ghalhekk ma jissusistix.

“Illi s-socjeta` rikorrenti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet *John Mousu` et v. Id-Direttur tal-Lottu Pubbliku et* datata 6 ta’ Ottubru, 1999 deciza mill-Qorti Kostituzzjonali li gibdet distinzjoni mportanti bejn l-iskop pubbliku hekk kif imsemmi fil-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-‘interess pubbliku’ li nsibu fil-Konvenzjoni u l-Kostituzzjoni u dan sabiex jishaq fuq l-importanza illi fil-mument ta’ l-esproprjazzjoni l-Qrati taghna ghandhom jissindikaw jekk tali esproprjazzjoni kinitx fl-interess pubbliku.

“Fis-sentenza taghha l-Qorti qalet precizament hekk kif gej:

*“L-Ewwel Qorti gustament enfasizzat id-distinzjoni bejn ‘l-iskop pubbliku’ u ‘l-interess pubbliku’. Zewg koncetti li mhumiex ko-estensivi. Dan ghaliex l-iskop pubbliku hu, fil-fehma ta’ din il-Qorti, aktar wiesgha, marbut mal-finalita` ahharija li ghaliha l-fond ikun qed jigi esproprijat, u m’hux neccessarjament limitat b’definizzjoni preciza. Filwaqt illi l-interess pubbliku kellu jirrizulta attwali u ben definit b’mod li jipprova li l-esproprjazzjoni tkun mehtiega biex tiggova lill-komunita` anke jekk dan mehtieg li jsir a skapitu ta’ l-interess privat. Hu ghalhekk illi l-eccezzjoni fl-artikolu 1 ghall-principju fundamentali li hadd ma ghandu jigi ppruvat mill-possidimenti tieghu, ‘hlief fl-interess pubbliku’ kien jimporta necessarjament ezercizzju ta’ investigazzjoni bejn l-interessi tal-pubbliku in generali u l-interessi ta’ persuna privata li tkun ser tigi mcahhda mid-dritt tat-tgawdija pacifika tal-possidimenti taghha, bhala eccezzjoni ghad-dritt fundamentali b’dak l-artikolu enuncjat.*

"Illi kjarament fil-kaz in ezami l-art esproprijata lis-socjeta` rikorrenti m'hijiex qieghda ghall-uzu tal-generalita` tac-cittadini u ta' l-universalita` tal-pubbliku. Anzi qieghda tintuza f'intrapriza kummercjali b'tali mod illi l-maggor parti tal-pubbliku, u cioe` min m'ghandux x'jaqsam ma' din l-intrapriza huwa eskluz milli juza din l-art jew imqar milli jottjeni kwalunkwe tip ta' beneficcju mill-istess art.

"Illi ghalhekk in vista ta' dan irrizulta li l-esproprijazzjoni li saret irriduciet ruhha ghal ezercizzju ta' spekulazzjoni kummercjali u edilizzja li permezz taghha l-uzu materjali ta' l-artijiet in kwistjoni ghadda f'idejn is-settur privat ghal skopijiet purament kummercjali. Dan inehhu *(sic!)* kull element ta' interess pubbliku necessarju ghall-validita` ta' l-esproprju.

"Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

(a) Tiddikjara illi l-esproprjazzjoni ta' l-art hawn fuq indikata tilledi d-drittijiet fundamentali tas-socjeta` rikorrenti ai termini ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll tad-drittijiet protetti mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 ghall-istess Konvenzjoni, liema konvenzjoni u Protokoll jifformaw parti mill-Ligijiet ta' Malta abbazi tal-Att XIV tal-1987, u dan ghaliex giet esproprijata mhux ghal skop pubbliku izda ghal skop kummercjali ta' intrapriza kummercjali li topera f'suq kummercjali u konsegwentement tiddikjara l-istess Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

(b) konsegwentement tordna lill-intimat Kummissarju ta' l-Artijiet jirrilaxxja tali l-art fuq indikata;

(c) taghtih dawk ir-rimedju jew rimedji effikaci ulterjuri li jidhrilha xierqa ghat-twettiq ta' dawn id-drittijiet fundamentali hawn fuq imsemmija.

"Bl-ispejjez kontra l-intimati jew min minnhom."

“Rat ir-**Risposta ta’ l-Intimati** a fol. 11 tal-process fejn eccepew illi:

“”Illi l-allegazzjonijiet u t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi **in linea preliminari** r-rikorrenti m’ghandhomx *locus standi* u lanqas interess guridiku sabiex jippromwovu l-kawza odjerna stante li l-art mertu tal-kawza odjerna ilha li giet trasferita minghand ir-rikorrenti lill-Gvern ta’ Malta ghal kwazi tletin sena u dan bis-sahha ta’ kuntratt datat 19 ta’ Novembru 1976.

2. Illi ghar-ragunijiet suesposti din il-kawza ghandha wkoll tigi michuda bhala wahda frivola u vessatorja.

3. Illi wkoll **in linea preliminari** dak kollu li jitwettaq skond il-Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa salvagwardjat bl-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u ghalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrenti bl-ebda mod ma tista’ titqies li tmur kontra l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

4. Illi wkoll **in linea preliminari** l-azzjoni li qed jilmentaw minnha r-rikorrenti giet konkluza qabel l-1987 u ghalhekk mhix proponibbli azzjoni ghal rimedju a tenur tal-Artikolu 6(1) u tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporati fil-ligijiet ta’ Malta permezz tal-Kap 319, stante dak li hemm provdut fl-Artikolu 7 tal-istess Kap.

5. Illi fi kwalunkwe kaz u wkoll **in linea preliminari** l-azzjoni tas-socjeta` rikorrenti hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2140 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Illi wkoll **in linea preliminari** l-intimat Avukat Generali m’huwiex illegittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti u dan a tenur ta’ l-Artikolu 181B tal-Kap 12 li jipprovdi li l-mansjoni guridika tal-Gvern f’kawzi gudizzjarji hija vestita fil-Kap tad-Dipartiment koncernat fil-kaz odjern huwa l-Kummissarju tal-Artijiet li huwa responsabbli mill-esproprjazzjoni tal-artijiet u ghalhekk l-imsemmi Avukat

Generali gie nterpellat inutilment u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

7. Illi subordinament u bla pregudizzju ghas-suespost fil-mertu l-esproprjazzjoni in kwistjoni saret skond il-ligi, ghal skop pubbliku u fl-interess pubbliku u mhux ghal skop kummercjali kif qed tallega s-socjeta` rikorrenti oltre l-fatt li l-istess rikorrenti thallsu kumpens gust skond kif rikjest mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

8. Illi jigi rilevat ulterjorment li t-trasferiment tal-art in kwistjoni b'cens lil *Malta Shipbuilding Company Limited* sar fit-termini tal-iskop pubbliku u sar ukoll fl-interess pubbliku in vista tal-fatt li fost affarijiet ohra l-istess *Malta Shipbuilding Company Limited* kienet tipprovdi mpjiegi ghal madwar 800 ruh u l-funzjoni tal-istess Kumpanija kienet wahda ta' beneficcju ghall-ekonomija tal-pajjiz, liema kumpanija kellha l-maggoranza ta' l-ishma f'idejn il-Gvern.

9. Illi l-uzu sussegwenti tal-art in kwistjoni *mill-Malta Shipyards Limited* (li llum ghandha f'idejha l-azjendi kollha li qabel kienu jappartjenu lill *Malta Shipbuilding Company Limited* u *l-Malta Drydocks*) jaqa' wkoll fl-ambitu tal-iskop pubbliku u hija fl-interess pubbliku mhux biss ghax din il-Kumpanija hija mija fil-mija tal-Gvern imma ghax bl-istess mod timpjega mijiet ta' nies u tikkontribwixxi sostanzjalment ghall-ekonomija tal-pajjiz.

10. Illi ghalhekk kemm l-iskop pubbliku u l-interess pubbliku kienu jezistu mill-mument tat-tehid tal-art u ghadu jissussisti sal-lum.

11. Illi fi kwalunkwe kaz jigi rilevat illi l-istrutturar li sar permezz tal-Kap 466 kien wiehed fl-interess tal-ekonomija tal-pajjiz u ma sarx ghal skopijiet kummercjali jew ta' qligh minn terzi.

12. Illi huwa accettat kemm mill-gurisprudenza nostrali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem li l-ligijiet li jaghtu setgha lill-Istat li jesproprja

proprjeta` ta' individwi huma rikonoxxuti bhala mehtiega f'socjeta` demokratika biex jassiguraw l-attwazzjoni ta' zvilupp socjali u ekonomiku fl-interess tal-kollettivita`.

13. Illi dan il-principju gie ripetutament accettat mill-Qrati nostrali fejn f'sentenzi fosthom : *Anthony Pullicino et vs L-Avukat Generali et, Pawlu Cachia vs Avukat Generali et u L-Onor. Perit Dominic Mintoff et vs Onor. Prim Ministru et* l-Onorabbli Qorti diversament preseduta qalet hekk:

*''Hu pacifiku li dan id-dritt huwa rikonoxxut kemm fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Infatti l-Kostituzzjoni tipprovdi li ebda haga fl-Artikolu 37, li jenuncja l-jedd fundamentali ta' l-individwu kontra t-tehid obbligatorju tal-proprjeta` tieghu, 'm'ghandha tinftiehem li tolqot l-ghemil jew il-hdim ta' xi ligi sa fejn tipprovdi ghat-tehid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta` ….' Fl-istess vena l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll, li wkoll jenuncja l-istess dritt, jipprovdi li d-dispozizzjonijiet f'dak l-artikolu 'm'ghandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-uzu tal-proprjeta' skond l-interess generali.*

14. Illi ghalhekk ma sar ebda ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel Artikolu tal-Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

15. Illi lanqas hemm ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni oltre l-fatt li ma gie ndikat ebda dritt specifiku li seta' gie lez taht dan l-Artikolu.

16. Illi in vista tat-terminu ferm qasir li l-esponenti kellhom sabiex iressqu ir-risposta odjerna huwa jirriserva d-dritt li jressaq risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz.

''Illi fid-dawl tas-suespost it-talbiet kollha tas-socjeta' rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom. ''

''Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

‘’Semghet lill Avukati difensuri;

‘’Rat in-noti tal-partijiet;

**‘‘Talbiet**

‘’Illi f’dana r-rikors ir-rikorrenti qed jallegaw li l-esproprjazzjonji ta’ l-art indikata fir-rikors tilledi d-drittijiet fundamentali taghhom a bazi ta’ l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-ewwel artikolu ta’ l-ewwel Protokol ta’ l-istess Konvenzjonji.

‘’Fir-risposta taghhom l-intimati ressqu diversi eccezzjonijiet ta’ natura preliminari li l-Qorti giet mitluba li tiddeciedi f’dan l-istadju qabel ma bdew jinstemghu l-provi.

**‘‘L-Avukat Generali mhux il-Legittimu kontradittur**

‘’Il-Qorti se tibda biex titratta l-eccezzjoni ta’ l-intimati li l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur. Ghalkemm dina l-eccezzjoni tidher bhala is-sitt wahda fir-risposta ta’ l-intimati, fin-noti tal-partijiet din giet trattata bhala l-hames eccezzjoni.

‘’L-intimati qed jirritjenu li l-intimat Avukat Generali m’huwiex illegittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti u dan a tenur ta’ l-Artikolu 181B tal-Kap 12 li jipprovdi li l-mansjoni guridika tal-Gvern f’kawzi gudizzjarji hija vestita fil-Kap tad-Dipartiment koncernat u fil-kaz odjern dan huwa l-Kummissarju tal-Artijiet li huwa responsabbli mill-esproprjazzjoni ta’ l-artijiet u ghalhekk l-imsemmi Avukat Generali gie nterpellat inutilment u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

‘’Ir-rikorrenti dwar dina l-eccezzjoni rrimettew ruhhom ghad-decizjoni ta’ dina l-Qorti.

‘’Il-Qorti fil-fatt taqbel ma’ l-intimati. Skond l-artikolu 181 B tal-Kap 12 il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-

azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni, imma l-Avukat Generali jirrapprezenta lil Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-Dipartimenti l-ohra tal-Gvern.

''Fil-fehma tal-Qorti f'dan il-kaz l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur billi t-talba ghandha tigi proposta biss fil-konfront tal-Kummissarju ta' l-Artijiet, li hu responsabbili mill-esproprjazzjoni ta' l-artijiet li hija l-persuna inkarigata mil-materija in kwistjoni. L-Avukat Generali ghalhekk gie interpellat ghal xejn, ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

**''Preskrizzjoni**

''Illi l-intimati eccepew ukoll li l-azzjoni tas-socjeta` rikorrenti hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2140 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti wiegbu li l-azzjoni li torigina minn vjolazzjoni ta' jedd fundamentali ma hiex soggetta ghall-ebda preskrizzjoni estintiva.

''Il-Qorti, b'riferenza ghall din l-eccezzjoni kif moghtija a bazi ta' l-artikolu 2140 tal-Kap 16, hi tal-fehma li mhux il-kaz li tidhol fil-kwistjoni, billi hemm qbil li l-art in kwistjoni llum il-gurnata hija tal-Gvern in forza ta' kuntratt tad-19 ta' Novembru 1976 *b'absolute purchase* u mhux bi preskrizzjoni.

**''Locus Standi**

''L-intimati qed isostnu li r-rikorrenti m'ghandhomx *locus standi* u lanqas *interess guridiku* sabiex jippromwovu l-kawza odjerna stante li l-art mertu tal-kawza odjerna ilha li giet trasferita minghand ir-rikorrenti lill-Gvern ta' Malta ghal kwazi tletin sena u dan bis-sahha ta' kuntratt imsemmi tal-1976.

''L-intimati jissottomettu li r-rikorrenti m'ghandhomx *locus standi* billi ma hemm xejn x'juri li s-socjeta' rikorrenti Euro Finance hija l-*aventi causa* tal-kumpanija National

Finance Corportation (Malta) Limited li kienet parti mill-ftehim li gie konkluz kwazi tletin sena ilu. Dwar dina s-sottomissjoni l-Qorti tirrileva li f'dan l-istadju tal-kawza l-partijiet ghadhom ma ressqu ebda provi, u ghalhekk ikun prematur jekk dina l-Qorti tiddeciedi fuq dina l-eccezzjoni.

**‘‘Interess guridiku**

‘’Apparti n-nuqqas ta' interess guridiku li l-Qorti ser tikkunsidra aktar il quddiem, l-intimati wiegbu wkoll li l-azzjoni li r-rikorrenti qed jilmentaw minnha giet konkluza qabel l-1987 u ghalhekk lanqas ma hi proponibbli azzjoni ghal rimedju a tenur tal-Artikolu 6(1) u tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporati fil-ligijiet ta' Malta permezz tal-Kap 319, stante dak li hemm provdut fl-Artikolu 7 tal-istess Kap.

“Dan l-artikolu jipprovvdi li “*No contravention of the Human Rights and Fundamental Freedoms committed before the 30th April 1987, shall give rise to an action under section 4 of this Act”.* L-artikolu 4 jittratta dwar l-enforzar ta' dawn id-drittijiet fundamentali.

“Ir-rikorrenti jirritjenu li l-ksur tad-drittijiet fundamentali ghalkemm beda zmien ilu ghadu jsehh b'mod kontinwu sal-lum ghaliex il-proprjeta` giet esproprijta mhux ghal skop pubbliku imma ghal skop kummercjali.

“Illi f'dina l-kawza huwa accettat bhala fatt li permezz ta' kuntratt 19 ta' Novembru 1976 fl-atti tan Nutar Dottor Alexander Grech l-art imsemmija gie akkwistata b'xiri assolut favur il-Gvern ta' Malta skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-artijiet ghal-skopijiet pubblici Kapitolu 136 tal-Ligijiet ta' Malta. Bis-sahha ta' dan il-kuntratt din il-proprjeta' giet trasferita favur il-Gvern ta' Malta u r-rikorrenti nghtaw kumpens.

“Permezz ta' kuntratt datat 9 ta' Settembru 2003 fl-atti Nutar Dottor Vincent Miceli s-socjeta' rikorrenti xtrat lura minghand il-Gvern bicca art minn dika l-art li kienet giet esproprjata billi l-Gvern ma kienx ser jutilizzax [recte: jutillizzaha] kollha. Dan ix-xiri sar skond il-‘*policy’* tal-

Gvern fejn art li giet akkwistata (mixtrija) mill-Gvern u m'ghadhix mehtiega ghal skop pubbliku tista' tigi rilaxxjata lura lis-sidien originali kontra prezz. Din l-art giet mixtrija minn National Finance Corporation of Malta Limited.

"Ir-rikorrenti f'dina l-kawza qed jitlob dikjarazzjoni li l-esproprjazzjoni ta' l-art indikata fir-rikors tilledi d-drittijiet fundamentali tas-socjeta` rikorrenti ghaliex giet esproprijata mhux ghal skop pubbliku izda ghal skop kummercjali u konsegwentement tiddikjara l-istess Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

"Kif gja rajna din il-proprjeta` giet mixtrija mill-Gvern ta' Malta b'xiri assolut skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-artijiet ghal-skopijiet pubblici Kapitolu 136 tal-Ligijiet ta' Malta u bis-sahha ta' dan il-kuntratt ir-rikorrenti nghtaw kumpens skond il-ligi ghal dina l-proprjeta`.

"Il-proprjeta` hija l-jedd li wiehed igawdi u li jiddisponi minn hwejgu bil-mod l-aktar assolut, basta li bihom ma jaghmilx uzu pprojbit mil-ligi. (Art. 320 Kap 16). Minn 1976 dina l-art saret proprjeta` assoluta tal-Gvern ta' Malta, ghalhekk ir-rikorrenti llum m'ghandhux dritt jilmentaw mill-uzu li l-Gvern ghamel jew se jaghmel minnha. Meta sar il-kuntratt u r-rikorrenti jew l-awturi taghhom accettaw il-kumpens ma lmentawx dwar l-uzu li kien sar jew se jsir minnha, lanqas ghal tletin sena ma lmentaw li l-iskop li ghalih giet esproprijata l-art ma kienx ghal skop pubbliku. Kien biss recentement li r-rikrorenti ilmentaw minn xi ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom.

"Skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna l-interess pubbliku jrid jibqa' jissussisti sal-mument meta l-art tkun defenittivament ghaddiet f'idejn l-Istat bil-konkluzjoni tal-proceduri ta' esproprijazzjoni. [Pawlu Cachia v Avukat Generali et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Dicembru, 2001].

"Illi f'dan il-kaz l-esproprjazzjoni hija meqjusa li saret meta sar il-kuntratt tat-trasferiment finali fil-1976 u l-art ma

baqghetx tas-sid originali. Ghalhekk fil-kaz in ezami japplika l-artikolu 7 tal-Kap 319. Minn 1976 il quddiem ir-rikorrenti ma baqghux is-sidien ta' l-art ghalhekk ma setghux jinkisru xi drittijiet fundamentali taghhom f'dan ir-rigward billi ma kien fadallhom ebda jedd aktar fuq l-art mibjugha lill Gvern u konsegwentement lanqas baqghalhom interess li issa jipproponu dana r-rikors. Id-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza taghna ta' interess guridiku hija dika tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa *l'utilita` finale della domanda gudiziale nel tema dell'asserita ezistenza o violazione del diritto.* Hu rekwisit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bazi li bih ir-rikorrent jkun jista' jippromovi u jitlob l-accertament tieghu permezz ta' l-awtorita` gudizzjarja. Fil-kaz tar-rikorrenti dan id-dritt huwa nieqes.

**"DECIZJONI**

"Ghal dawn il-motivi, il-Qorti prevja li tilqa' l-ewwel, r-raba', u sitt eccezzjoni ta' l-intimati (kif indikati fir-risposta a fol 11),tichad it-talbiet tar-rikorrenti. Tillibera lill Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjez ghar-rikorrenti."

**3.** Is-socjeta` Euro Finance Corporation Limited appellat minn din is-sentenza, u dan b'rikors minnha prezentat quddiem din il-Qorti fid-9 ta' Mejju 2007. In sintesi, hija tikkontendi li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta din irriteniet li galadarba hija -- cioe` s-socjeta` -- ma baqghetx sid ta' l-art wara li kien sar il-kuntratt ta' trasferiment, allura hija ma kienx ghad baqalha interess guridiku li tipproponi l-kawza. Hija tallega li d-drittijiet taghha gew lezi billi l-interess pubbliku fl-esproprjazzjoni qatt ma kien jezisti, u dan minn qabel ma' sar il-kuntratt li bih l-art giet trasferita definittivament lill-Gvern. *"Ghalhekk,"* tkompli l-appellanti, *"is-socjeta` appellanti u tul dawn is-snin kollha u sal-gurnata tal-lum qieghda tigi ddeprivata mill-proprjeta` taghha meta qatt ma kien hemm il-bazi biex tittehdilha."* Hija ssostni li meta resqet ghat-traferiment finali, cioe` ghall-kuntratt, fis-sena 1976 hija qaghdet fuq id-dikjarazzjoni li ghamel il-President ta' Malta (jew, kif jinghad fir-rikors promotorju, il-Gvernatur

Generali), meta fil-fatt mhux veru li kien hemm skop pubbliku izda skop privat kummercjali *"u skop li tinxtara art b'esproprjazzjoni bi prezz baxx ferm biex imbaghad tinkera lil kumpanija privata, il-Malta Shipbuilding…"*. Is-socjeta` appellanti tghid li hi m'ghandhiex tigi pregudikata *"minhabba l-fatt li hija qaghdet fuq id-dkjarazzjoni tal-President ta' Malta"*. Hija tghid li hija ma kellha ebda mezz biex tkun taf il-veru skop qabel ma sar il-kuntratt *"ghax il-Gvern zamm l-intenzjoni finali tieghu mohbija minnha"*. Argument iehor migjub mis-socjeta` appellanti huwa illi kieku wiehed kellu jaccetta l-principju illi d-drittijiet ta' l-esproprijat jieqfu mat-traferiment formali tal-art, kull esproprjazzjoni formali ma tkun tista' qatt tigi kkontestata. Bazikament, l-appellanti tikkontendi li l-ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' l-eccezzjoni jew difiza preliminari tal-Kummissarju ta' l-Artijiet *"minghajr ma lanqas biss ghadha semghet il-provi fuq il-mertu"*. Ghal dawn ir-ragunijiet – maghduda maghhom ragunijiet ohra, imsemmija fir-rikors ta' appell, li pero` fir-realta` huma biss sfumaturi ta' dawk hawn fuq delineati – is-socjeta` appellanti talbet li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu lliberat lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju, izda thassarha u tirrevokaha fejn laqghet l-ewwel u r-raba' eccezzjoni preliminari.

**4.** Fir-risposta tieghu tal-21 ta' Mejju 2007, il-Kummissarju ta' l-Artijiet talab li s-sentenza appellata tigi konfermata. L-appellat jenfasizza in partikolari li, kif ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' April 2007 fl-ismijiet **Anthony Pullicino et v. Avukat Generali et**, *"'esproprju' huwa meqjus li jkun sar meta jsir il-kuntratt ta' trasferiment finali u b'hekk l-art tigi effettivament mehuda f'kull aspett mill-pussess tas-sid originali ta' l-art…l-applikazzjoni ta' dan il-principju ghall-kaz odjern ifisser li peress li l-kuntratt ta' trasferiment tal-art mertu tar-rikors…sar fid-19 ta' Novembru 1976, huwa applikabbli l-Artikolu 7 tal-Kap. 139, peress li se mai kwalunkwe allegazzjoni dwar azzjoni da parti tal-awtoritajiet li kkawzat ksur ta' drittijiet fondamentali fil-konfront tar-rikorrent setghet sehhet biss qabel l-1987 u cioe` sad-19 ta' Novembru 1976 peress li minn dik id-data 'l quddiem ir-rikorrenti ma baqghux sidien tal-art u ghalhekk ma kien fadlilhom ebda jedd fuqha"*.

**5.** Din il-Qorti ezaminat anke d-dokumenti ezibiti fil-mori ta' dana l-appell, u kkunsidrat ukoll is-sottomissjonijiet tal-abbili difensuri tal-partijiet maghmula fid-diversi udjenzi. Il-qofol tal-vertenza odjerna hija, bazikament, jekk is-socjeta` appellanti, rikorrenti in prim istanza, ghandhiex interess guridiku li tippromwovi l-azzjoni odjerna, u dan kemm a bazi tal-Konvenzjoni Ewropea (fil-fatt ir-raba' eccezzjoni hi limitata ghal din il-Konvenzjoni) kif ukoll tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**6.** Din il-Qorti hi tal-fehma li biex tigi deciza din il-vertenza, u fil-parametri ta' kif giet impostata l-kawza <u>u tal-fattispeci partikolari tal-kaz</u> kif jemergu mill-atti sa issa migjuba (stante li provi, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, ghadhom ma nstemghux), wiehed irid imur fuq zewg cirkostanzi partikolari. L-ewwel cirkostanza hija dik li, wara d-dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali, is-socjeta` appellanti – assumendo li hija verament is-successur tas-socjeta` National Finance Corporation of Malta Limited[2] – ghaddiet biex, fid-19 ta' Novembru <u>1976</u> zvestiet ruhha minn kull jedd fuq l-art in kwistjoni billi ttrasferiet l-istess art lill-Gvern versu l-korrispettiv tal-prezz. Imkien fir-rikors promotorju ma hemm xi allegazzjoni li hija ma kinitx taf, qabel ma sar dan il-kuntratt, fiz-zmien li sar, jew fiz-zmien immedjatament wara li sar, ghalfejn il-Gvern ried dik l-art, u cioe` biex tkun tista' topera l-Malta Shipbuilding Company Limited. Ma jirrizultax, mir-rikors promotorju, li wara li l-art inghatat b'cens lil din il-kumpanija, is-socjeta` appellanti jew in-National Finance Corporation of Malta Limited b'xi mod ipprotestat jew ressqet xi lamentela mal-awtoritajiet li dik l-art ma kinitx allura verament ittiehdet ghal skop pubbliku, u bis-silenzju taghha <u>tul dawn is-snin kollha</u> hija kienet qed taccetta implicitament li effettivament kien hemm skop pubbliku ghal dik l-esproprjazzjoni, u li ghalhekk il-kuntratt tad-19 ta' Novembru 1976 kien sar *in buona fede* miz-zewg kontraenti. Huwa minnu, kif tajjeb tirrileva s-

[2] Il-kuntratt tad-9 ta' Settembru 2003, ezibit mis-socjeta` appellanti fl-istadju ta' appell fil-25 ta' Gunju 2007 jghid li Francis Bezzina Wettinger kien qed jidher fuq l-att "ghan-nom ta' Euro Finance Corporation Limited (C 1914) drabi ohra National Finance Corporation of Malta Ltd…".

socjeta` appellanti fir-rikors ta' appell taghha, li ma jistax neccessarjament jinghad *"illi d-drittijiet tal-esproprijat jieqfu mat-trasferiment formali tal-art [ghax altrimenti] nispiccaw fil-paradoss illi kull esproprjazzjoni formali ma tistax tigi kkontestata taht il-Konvenzjoni Ewropea u ghalhekk il-Konvenzjoni Ewropea tkun biss applikabbli jekk il-kuntratt ghadu ma sarx"*. Mill-banda l-ohra, pero`, wiehed ma jistax jizvesti ruhu mill-jeddijiet tieghu fuq proprjeta` – f'dan il-kaz addirittura permezz ta' att pubbliku – u, minghajr ma jallega li dak il-kuntratt kien b'xi mod ivvizjat[3] jew minghajr ma jikkawtela b'xi mod id-drittijiet kostituzzjonali tieghu entro zmien ragjonevoli, jippretendi li jerga' jidhol f'dawk id-drittijiet biex ikun jista' jivvanta ksur tad-drittijiet fondamentali jew kostituzzjonali spettanti lil min jippossjedi dik il-proprjeta`. Dan huwa, fir-realta` r-ragunament ta' l-ewwel Qorti, ragunament li, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, din il-Qorti tikkondividi pjenament.

**7.** Pero` hemm cirkostanza ohra li ssahhah l-argument li s-socjeta` appellanti m'ghandhiex l-interess guridiku mehtieg biex tipproponi il-kawza odjerna. Kieku l-esproprjazzjoni, formalizzata bil-kuntratt tad-19 ta' Novembru 1976, kienet b'xi mod leziva tad-drittijiet tas-socjeta` appellanti, ma kienx jaghmel sens li l-istess socjeta` taddivjeni ghall-kuntratt tad-9 ta' Settembru 2003 u tixtri lura dik il-parti ta' l-art originarjament esproprijata ghall-prezz (ossia porzjon tal-prezz) originali bl-aggunta tal-imghax tal-hamsa fil-mija mid-19 ta' Novembru 1976 sad-9 ta' Settembru 2003. Dan il-kuntratt tal-2003 huwa konferma cara li s-socjeta` appellanti kienet zvestiet ruhha minn kull interess li seta' kellha fl-art mal-kuntratt tal-1976, kuntratt li issa, fl-2003, kien qed jigi implicitament rikonoxxut li kien *rite et recte* mill-aspetti kollha tieghu kemm formali kif ukoll sostanzjali.

**8.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' dana l-appell jithallsu mis-socjeta` appellanti.

---

[3] Jigi osservat li fir-rikors promotorju mhux qed jintalab li l-kuntratt tad-19 ta' Novembru 1976 jigi b'xi mod dikjarat null jew bla effett.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------